**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 14**

**Avviz Nru: 1417/01AE**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Magri**

**vs**

**Renald Baldacchino.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u hdax-il lira Maltija (Lm411), danni sofferti meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru HAP 149 fis-7 ta' Lulju 1999 gewwa

Hal Qormi, habat mal-vettura numru LCK 504 propjeta ta' Mario Magri u kkaguna danni f'din l-istess vettura.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat, naqas milli jikkontesta l-kawza u lanqas ma deher fis-seduti tat-8 ta' Jannar 2002 u s-seduta tal-31 ta' Jannar 2002.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Lulju 1999.

2. Mario Magri kien qieghed isuq vettura bin-numru LCK 504 fi Triq il-Wied Qormi. Meta gie f'salib it-toroq, huwa ried idur fuq ix-xellug u jidhol fi Triq il-Mithna, Qormi.

3. Min-naha l-ohra l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru HAP 149, u kien niezel minn Triq San Pietru sabiex johrog ghal fuq Triq il-Mithna.

4. It-Tribunal kellu l-opportunita li jmur fuq il-post ta' l-incident u jiehu konjizzjoni tal-konfigurazzjoni tat-toroq fejn sehh l-incident.

5. B’riferenza ghall-iskizz li gie pprezentat minn PS667 Edgar Borg, dan jindika li kien Mario Magri li dahal fit-traettorja tal-vettura Nissan misjuqa mill-konvenut. Jigi rilevat li l-*istop sign* fi Triq San Pietru hija rtirata iktar il-gewwa minn kif tidher fuq l-iskizz. Wara li t-Tribunal qies il-konfigurazzjoni taz-zewg toroq, huwa tal-fehma li l-incident ma setax sehh kif indikat fl-iskizz. Kieku l-vettura Nissan HAP 149 waqfet tistenna wara l-*istop sign* (u baqghet hekk wieqfa kif tidher fuq l-iskizz), l-incident ma kienx isehh. Id-dikjarazzjoni li saret mill-konvenut lill-pulizija (ara okkorrenza) ma tatix il-verzjoni korretta ta’ dak li gara.

6. Il-pulizija li nvestiga l-incident (PS667 Edgar Borg) iddikjara li fiz-zmien li sehh l-incident, mill-parti tat-triq minn fejn harget il-vettua bin-numru LCK 504 ma kienx hemm *stop sign*. Dan ma jfissirx li din il-vettura ma kellhiex l-obbligu li tieqaf qabel ma tohrog ghal fuq Triq il-Mithna.

7. Madankollu t-Tribunal jemmen, wara li qies ukoll il-verzjoni moghtija minn Mario Magri [verzjoni li ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut], li l-incident meritu tal-kawza sehh peress li l-vettura misjuqa mill-konvenut ma waqfitx fuq l-*istop sign*. Il-hsara li saret fiz-zewg vetturi (ara okkorrenza li tinsab ezebita fil-process), tikkonforta wkoll din it-tezi. Il-konfigurazzjoni tat-toroq ma toffrix vizwali tajba, u ghalhekk il-konvenut kellu d-dmir li juza attenzjoni kbira qabel ma jirfes fi Triq il-Mithna u jsegwi r-regolamenti tat-traffiku.

8. Id-danni reklamati ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara li ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Lulju 1999 gewwa Triq il-Mithna, Qormi jahti l-konvenut u konsegwentement tikkundannah ihallas is-somma ta' erbgha mija u hdax-il lira Maltija (Lm411), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-17 ta' April 2001.

L-ispejjez (inkluz id-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**